# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.1

**Kap 6: Ġesu qam tassew**

**Lezzjoni 6.1: Meta ż-żerriegħa tikber........**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. jitgħallmu l-istorja taż-żerriegħa;
2. jiddiskutu x'joħroġ mill-ħamrija wara li ż-żerriegħa tindifern fiha;
3. iqabblu ż-żerriegħa mal-ħajja tagħhom;
4. jitgħallmu li Ġesù, bħal dik iż-żerriegħa miet għalina imma wara qam rebbieħ.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Video : Peep and the big wide world : Peep plants a seed
https://www.youtube.com/watch?v=Yxs7P7LWzDg&spfreload=10

- Karta ta' Taħriġ 6.1 (mill-Ktieb)



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi turi *Peep Plants A Seed*. Iddiskuti mal-istudenti xi tkunu rajtu. Tista' tuża dawn il-mistoqsijiet:



  - Ta' xiex kienet iż-żerriegħa? (tal-warda tax-xemx)
  - X'kapaċità kellha ż-żerriegħa la tikber? (li ssir fjura)
  - Għaliex fil-bidu ma reditx tikbirlu lil Peep? (Ma żerragħhiex fil-ħamrija)
  - Barra l-ħamrija, x'kellha bżonn iż-żerriegħa biex tikber (ilma, dawl)
  - Spjega għaliex fil-bidu Peep u sħabu l-għasafar bdew jaqtgħu qalbhom. (għax ma rawx iż-żerriegħa tikber; kellhom jistennew u ma jaqtgħux qalbhom).

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Spjega: Fil-video rajna lil Peep jieħu grazzja mal-warda tax-xemx u kull filgħodu jmur ħdejha. Ejjew inqabblu lil Peep magħna nfusna u l-warda tax-xemx mal-mamà. Meta nkunu għadna trabi kemm nieħdu pjaċir inqattgħu ħin mal-mamà, l-aktar meta tilgħab magħna, bħalma Peep kien jieħu pjaċir ħdejn il-fjura tiegħu.

2. Kompli: Issa ejjew nimmaġinaw li Peep huwa l-mamà tagħna u aħna ż-żerriegħa. Biex iż-żerriegħa ta' Peep segħtet tikber kellha bżonn il-ħamrija (għaliex?), l-ilma u d-dawl (għaliex?). Bħaż-żerriegħa, aħna wkoll għandna bżonn xi affarijiet biex nikbru. X'inhuma? (l-imħabba ta' min jieħu ħsiebna; il-ġenituri jagħtuna x'nieklu; iżommuna ndaf; jilagħbu magħna; meta nkunu morda jagħtuna l-kura...)

3. Kompli spjega: Meta ż-żerriegħa bdiet tikber, Peep ma baqax jieħu ħsieb iż-żerriegħa waħdu. Ġew l-għasafar l-oħra biex jgħinuh.

4. Staqsi: Ma' min nistgħu nqabbluhom lil dawn? Min jgħin lill-ġenituri tagħna biex minn żerriegħa aħna nikbru fi fjuri sbieħ?



5. Issa staqsi lit-tfal: Araw, iż-żerriegħa, biex tagħti l-frott kellha bżonn li tgħaddi mit-tbatija u tmut. Min taħsbu li ġralu bħaż-żerriegħa. Għadda mit-tbatija u miet? Asal li t-tfal jgħidulek li din il-persuna hi Ġesù.



6. Oħloq diskussjoni fuq kif Ġesù bata għalina. Żomm id-diskussjoni sempliċi kemm jista' jkun.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Bħalma ż-żerriegħa għandha bżonn il-ħamrija, l-ilma u x-xemx biex tikber fi fjura sabiħa u b'saħħitha, aħna wkoll għandna bżonn l-imħabba ta' min jieħu ħsiebna.
2. Iż-żerriegħa trid tbati biex issir pjanta sabiħa.
3. Aħna rridu nistudjaw, inbatu biex nagħmlu dak li hu sew ħalli jkollna ħajja sabiħa.
4. Ġesu ndifen fil-qabar, imma imbagħad qam sabiħ u rebbieħ fuq il-mewt.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li japprezzaw li fil-ħajja tagħhom, biex jikbru bil-għaqal, hu meħtieġ minnhom li jagħmlu l-isforzi tagħhom.

Kull sforz jiswa tbatija u sagrifiċċju.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Video : Peep and the big wide world : Peep plants a seed

https://www.youtube.com/watch?v=Yxs7P7LWzDg&spfreload=10



**Nitolbu**

Ġesù, għinna nikbru fi fjuri tassew sbieħ fil-ġnien tiegħek.

